MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2343/1996/2

**Mary Grace Mallia**

**vs**

**Alfred Mallia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attriciipprezentata fl-10 ta' Lulju 1996 fejn gie premess:

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti ma ghadux aktar possibli billi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' sevizzji, mohqrija, eccessi, *oltre* inkompatibilita` ta' karattru, *oltre* li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment.

Illi b'Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili Numru 562/96 l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha.

Illi konsegwentement l-attrici tablet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet tal-konvenut u tawtorizza lill-istanti jghix separat minn martu;

2. Takkorda manteniment xieraq lill-attrici u tordna lill-konvenut ihallas dan il-manteniment fil-lok, u skond il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi;

3. Tapplika interament jew in parti d-disposizzjonijiet taht l-**artikolu 48 u 49 tal-Kodici Civili** in kwantu aplikabbli ghall-kaz;

4. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi u tiddividi u tassenja l-istess skond kif din il-Qorti jidhrilha hekk xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici, il-lista tax-xhieda taghha u d-dokumenti li esebiet.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.. 6 tal-process li gietipprezentata fit-2 ta' Awissu 1991, fejn il-konvenut eccepixxa:-

(1) Illi huwa ma jopponix l-ewwel talba la darba l-attrici hija deciza li tisfratta l-hajja konjugali, izda huwa ma jaccettax li s-separazzjoni ghandha tigi awtorizzata minhabba xi htija tieghu;

(2) Illi t-tieni talba hija nfondata ghaliex l-attrici hija responsabbli ghas-separazzjoni u l-agir ostili taghha ghandu jtellifha kull dritt ghall-manteniment;

(3) Illi t-tielet talba ghandha wkoll tigi michuda ghall-istess ragunijiet premessi;

(4) Illi r-raba' talba ma hix opposta;

(5) Illi l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-attrici;

(6) Illi d-dar konjugali, "May House", Parilja Street, Santa Venera, ghandha tigi diviza f'zewg units, kif facilment jista` jsir, u l-eccipjent ghandu jigi awtorizzat li jabita f'wahda miz-zewg units tad-dar konjugali diviza, b'titolu ta' lokazzjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 5 ta' Lulju 1996 fejn il-Qorti stabbiliet rata ta' manteniment favur l-attrici fl-ammont ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) fix-xahar u ordnat lill-attrici sabiex tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali, u dan ad eskluzjoni ta' zewgha.

Rat ir-rikors ta' l-attrici pprezentat a fol. 7 tal-process datat 26 ta' Novembru 1996 u d-Digriet datat l-1 ta' April 1997 fejn laqghet it-talba attrici sabiex l-ammont ta' manteniment jitnaqqas direttament mill-pensjoni tal-intimat (fol.7).

Rat ir-rikors tal-konvenut quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili datat 30 ta' Mejju 1997, li qieghed fi spoll seperat tal-process fejn intalab li l-manteniment *pendente lite* jigi ridott.

Rat ir-risposta ta' Mary Grace Mallia datat 10 ta' Gunju 1997.

Rat ir-rikors tal-konvenut quddiem din il-Qorti datat 7 ta' Ottubru 1997.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta datat 6 ta' Ottubru 1997 fejn il-Qorti iddecidiet illi tirriduci l-ammont ta' manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici

b’dan li rriduciet l-istess ammont ghall disghin lira Maltija (Lm90) mensilment, bla pregudizzju ghall-arretrati dovuti.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 13 ta’ Jannar 1998 fejn il-konvenut talab lil din il-Qorti sabiex jinghata d-dritt li jerga` jibda’ jirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datata 27 ta’ Jannar 1998.

Rat in-nota tal-konvenut datata l-1 ta’ April 1998.

Rat ix-xhieda tal-attrici datatat l-1 ta’ April 1998, 29 ta’ Lulju 1998, u 25 ta’ Settembru 1998 u tal-konvenut datata l-1 ta’ April 1998, x-xhieda ta’ Miriam Farrugia datata 27 ta’ Mejju 1998, xhieda ta’ Simone Cini datata 27 ta’ Mejju 1998, ix-xhieda ta’ Audrey Schembri tad-29 ta’ Lulju 1998.

Rat n-nota tal-konvenut datata 8 ta’ Mejju 1998 u r-rapport ta’ Dr. Mariella Blackman datat 11 ta’ Marzu 1998 mhux mahluf u dokument iehor minn L Farrugia datat 7 ta’ Mejju 1998 wkoll mhux mahluf.

Rat id-digriet tal-Prim’Awla tal-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta’ Ottubru 1998 li jikkoncerna r-rikors tal-konvenut fuq imsemmi fejn din il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut rikorrenti kif ukoll is-suggeriment tieghu li hija l-attrici li ghandha tmur tghix fid-dar l-ohra mhux hu, kif ukoll sostniet illi s-suggeriment illi d-dar matrimonjali tinqasam kif propost quddiem is-Sekond’Awla m’hijiex soluzzjoni prattikabbli *pendente lite* fin-nuqqas ta’ ftehim bejn il-partijiet minkejja illi tista` forsi tkun soluzzjoni mas-sentenza finali.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat l-1 ta’ Ottubru 1997, r-risposta tal-attrici datata 20 ta’ Ottubru 1997, u d-Digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fejn awtorizzat lill-konvenut jidhol id-dar bl-iskop pero’ li jigbor l-ghodda u jehdoha mieghu u mhux bliskop li jikkuraha fid-dar konjugali.

Rat ir-rikors tal-konvenut ta’ l-20 ta’ Ottubru 1998 fejn talab il-permess mehtieg sabiex jappella mid-digriet ta’ l-14 ta’ Ottubru 1998.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici tat-18 ta’ Novembru 1998.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 30 ta’ Dicembru 1998 (a fol.158) fejn il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut rikorrenti biex jappella mid-digriet ta’ din il-Qorti datat 14 t’Ottubru 1998.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 12 ta’ Lulju 2000 sabiex jinhatar Perit Legali mill-Qorti sabiex jaccedi gewwa d-dar konjugali u jaghmel il-kostatazzjonijiet kollha tal-hwejjeg allegati mill-attrici.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici tas-27 ta’ Settembru 2000.

Rat ir-rikors tat-13 ta’ Gunju 2000 tal-konvenut dwar il-produzzjoni ta’ xhieda addizzjonali.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Novembru 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghas-smigh ta’ xhieda addizzjonali.

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-17 ta’ Lulju 2001 li b’referenza ghar-rikorsi tat-12 ta’ Lulju 2000 u tal-21 ta’ Dicembru 2000 rega’ talab lil din il-Qorti sabiex tinnomina Perit Tekniku biex jaghmel certa kostatazzjoniiet gewwa l-fond matrimonjali.

Rat id-digriet tal-5 ta’ Ottubru 2001 fejn cahdet it-talba tal-konvenut ghan-nomina ta’ Perit Tekniku. Permezz tal-istess digriet il-Qorti ordnat ukoll l-isfilz tan-nota ta’ osservazzjonijiet prezentata mill-konvenut b’dan illi taghtu l-fakolta’ jipprezenta nota fi zmien xahar wara t-trattazzjoni finali, bin-notifika tal-kontroparti u bid-dritt tal-kontroparti li tipprezenta nota fi zmien xahar minn notifika tan-nota tal-konvenut.

Rat ix-xhieda tal-konvenut tat-18 ta' Mejju 1999; 25 ta' Gunju 1999 u 25 ta' Ottubru 2000, ta' Miriam Farrugia datata 30 ta' Lulju 1999, ta' Simone Cini tat-30 ta' Lulju 1999, l-affidavit tal-attrici datat 30 ta' Marzu 2000 (Dok. "MM 1" – fol. 217) fejn elenkat il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, u l-affidavit iehor taghha datat 30 ta' Marzu 2000 – Dok. "MM2"; l-affidavit tal-konvenut datat 12 ta' April 2000; xhieda ta' Sharon Camilleri datata 13 ta' April 2000; xhieda ta' Saviour Vella tal-HSBC datata 13 ta' April 2000 u d-dokumenti minnu esebiti bhala Dok. "SV"; xhieda ta' Father Joseph Brincat datata 13 ta' April 2000; ta' George Borg datata 13 ta' April 2000; ta' Paul Gambina ghan-nom tal-Bank of Valletta plc datata 13 ta' April 2000; affidavit tal-konvenut datat 24 ta' April 2000; xhieda ta' Jessie Mallia, Karmenu Bugeja, Pauline Bugeja, Dr. Joseph Azzopardi u Maria Assunta Azzopardi, Ronnie Demicoli, Mitzi Demicoli, u John Mallia datati 12 ta' Frar 2001; xhieda ta' Joseph Spiteri datata 8 ta' Mejju 2001; ta' John Mallia datata 8 ta' Mejju 2001; xhieda ta' Louis Farrugia, John Mallia u Carmen Farrugia datata 5 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbali tas-seduti kollha quddiem l-Assistenta Gudizzjarja u din il-Qorti kemm kif kienet presjeduta u kemm kif presjeduta.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici datata 25 ta' Gunju 2002.

Rat id-dokumenti kollha esebiti

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** xehdet a fol. 14 tal-process rigward diversi aspetti tal-hajja konjugali taghha.

**a. Dar t'Abitazzjoni:** L-attrici xehdet illi r-ragel ma kienx ghadu jabita maghha fid-dar matrimonjali u li kien huwa stess li ghazel li jaghmel hekk wara li zzewget l-ahhar tifla taghhom. Skond l-attrici huwa ma ta' ebda raguni valida ghat-telqien tieghu: "*Hekk f'daqqa wahda…f'daqqa wahda dan gie, kien hemm it-tifla u r-ragel tat-tifla, qalli jien ma rridx nghix izjed mieghek."* (a fol.. 14). *Inoltre* hija qalet ukoll illi zewgha minn dejjem kien jissugerixxi illi jmorru joqghodu gewwa d-dar l-ohra taghhom li prezentement qieghed jghix fiha. Hija dejjem irrifjutat peress illi huwa qatt ma ried jirranga dan il-fond.

**b. Glied:** Mistoqsija kif kienet l-atmosfera gewwa d-dar matrimonjali u kif kien l-atteggjament tal-konvenut, hija spjegat (a fol.. 15 – 16): "*Kien hafna hazin, kien hafna…inkwiet kwazi nghidlek, halli ma nghidx kulljum, imma joqghod ftit kwiet u jerga' jibda. Inkwiet kbir".* L-attrici xehdet ukoll illi l-konvenut kien ikellimha fost hafna dagha.

In ri-ezami l-attrici insistiet illi l-glied kien jinqala' "*fuq affarijiet ohra apparti l-kwistjoni tal-flus. Iva imqar fuq kelma kien jaqla' kwistjoni…"* (a fol.. 31)*.*

Fl-istess ri-ezami (a fol. 32) semmiet ukoll illi t-tfal kienu jbatu hafna minhabba dan il-glied ghaliex kienu jibzghu.

Skond hi l-prezenza tal-konvenut kienet tinkwetahom ghaliex kien dejjem jaqla' l-inkwiet. In fatti in ri-ezami a fol.. 33 xehdet illi "*…anke tisma' l-karrozza tieghu gejja …Marija tal-Hniena gej tghid ghax taf hux …".*

**c. Vjolenza:** A fol. 17 l-attrici spjegat (korroborat mix-xhieda t'uliedha) l-atteggjament vjolenti ta' l-konvenut: "*Iva bid-dagha, jwaddab gieli jekk jitlaghlu. Jwaddab per ezempju, ashtray daqshekk tal-PNS rajthu ghaddej minn ma rasi per ezempju, pultruna minn dawn l-antiki kienet tal-familja tieghi imfarrka quddiemi rajtha…Incident iehor per ezempju, il-gass bil-pressure cooker jaghli fuqu hekk mal-art rajtu…". Inoltre* minkejja illi ma kienx vjolenti fuq il-persuna ta' spiss kien hemm okkazzjonijiet meta kien uza forza fizika kontra l-attrici. Rigward vjolenza fuq il-

persuna taghha hija xehdet a fol. 18 illi kien iwaddab affarijiet u radios (in kontroezami xehdet a fol. 25 illi qatt ma laqghatha b'xi oggett li kien iwaddab) u kif ukoll kien hemm okkazzjoni fejn kien ta xi daqqa f'rasha. Il-konvenut kien anke agixxa bi vjolenza fil-konfronti tat-tifla meta darba minnhom din kienet qeghda tistudja u qaltlu biex joqghod kwiet. Huwa waddbilha bicca njama hoxna u sussegwentement waddbilha siggu (a fol. 18) "*…ghax qaltlu hekk tefaghla siggu."*

Okkazjoni ohra li ghaliha ghamlet referenza l-attrici kienet meta il-konvenut fuq digriet tal-Qorti kellu jmur sabiex jogbor l-ghodda, u kellhom jigu l-Pulizija sabiex jitlaq mid-dar matrimonjali: "*…jien lestejtlu l-affarijiet fl-entrata, ghidt halli nlestihomlu biex kif jigi jehodhom u daqshekk,baqa' imbotta lil kulhadd u ma riedx johrog bl-ebda mod minn hemm gew."*

**d. Sevizzi:** L-attrici xehdet illi x-xehha kienet karatteristika prominenti tal-konvenut, tant li skond hi hafna mill-inkwiet kien ikun kkagunat mix-xehha tieghu. Il-konvenut kien ihalli lill-attrici nieqsa minn ammonti sufficjenti ghall-bzonnijiet ta' kuljum u ghall-bzonnijiet tad-dar. L-attrici ghamlet referenza (a fol. 19) ghall-inkwiet li kien jinqala' meta kien jasal xi tieg ta' xi tifla tal-kontendenti. Qalet illi "*… iz-zebgha l-ahhar li zzewget it-tifla tieghi kelli nixtriha jien ghax lanqas zebgha, fl-ewwel wahda l-istess glied gie hija, …biex irrangajt id-dar il-mara ta' huh harbtet id-dar taghha miskina taghtni purtieri…Fit-tieni tieg l-istess ghamel."*

In kontroezami xehdet illi hija kienet waqfet issajjarlu ghaliex huwa ma kienx jaghtiha flus (a fol. 25).

Illi a fol. 23 in kontroezami giet mistoqsija jekk "*l-inkwiet kollu kien jinqala' minhabba x-xehha tieghu."* Hi rrispondiet "*Iva, nahseb jien ma nafx, imma parti minnha zgur."*

In kontroezami xehdet illi "*Nahseb kollox naqas id-dar jien. Ghax per ezempju, jien ha nghidlek kamra ta' l-ikel kellhom imutu l-genituri tieghi … imma meta kibru [it-tfal]*

*jridu television tal-kulur kellhom imutu l-genituri tieghi biex nixtrih, lanqas cooker kelli nixtrih jien, washing machine kelli nixtriha jien, jigifieri mill-flus li hallewli l-genituri tieghi".*

**e. Is-sitwazzjoni il-gurnata ta' llum:** L-attrici xehdet illi illum il-gurnata fin-nuqqas tieghu rega' hemm il-paci gewwa d-dar, "*…ghax il-geniutri tieghi ma kien jonqosni xejn maghhom, xejn ma kien jonqosni u fil-kwiet u fil-paci kont nghix u fl-imhabba kollha u fiz-zwieg il-veru sibt l-infern ta' hajti, issa jigifieri qeghda fil-paci nirringrazzja l'Alla…"*(a fol. 20).

Illi **l-konvenut**, minn naha tieghu, nnega dak kollu li qalet l-attrici:

"*Dan kollu falsita` mill-bidu sa l-ahhar u kollu invenzjoni taghha u li jiena facli hafna biex dawn l-affarijiet li qalet kollha nirribattihom u ingib il-fatti.*" (a fol. 34)

**a. Xehha:** Il-konvenut innega illi huwa kien joqghod lura milli jaghti l-flus necessarji lill-mara. Hu qal "*…kont intiha skond kemm kien ikolli u mhux kienet titlobni hi, …kont dejjem nara li naghtiha kemm nista' flus."* (a fol. 35).

Illi l-konvenut (a fol. 35) stqarr illi huwa kien izomm xi ftit annimali u jkabbar hxejjex gewwa l-fond li llum jikkostitwixxi r-residenza tieghu u li l-prodotti tieghu kien jaghtihom lill-attrici.

Illi fix-xhieda moghtija quddiem l-Assistent Gudizjarju a fol. 183 il-konvenut sostna illi l-bzonnijiet bhal *television*, *cooker*, *heater*, *etc* minn dejjem kienu jezistu gewwa d-dar matrimonjali u li dawn inxtraw minn fond komuni u mhux kif sostniet l-attrici.

**b. Vjolenza:** Il-konvenut innega illi qatt kien vjolenti fil-konfront ta' l-attrici. A fol. 37 huwa xehed illi "*…qatt ma garajt lil hadd xejn, qatt, mhux veru, qatt. Qatt ma sabbatt, qatt ma ghamilt li qalu, jew li erfajt il-cooker b'kollox".*

Illi a fol. 80 cahad l-incident msemmija mill-attrici fejn intqal illi huwa kien kisser pultruna, kif ukoll cahad illi qatt uza vjolenza fizika fuq martu.

Illi '*noltre* huwa ta raguni ghalfejn meta kien offra lill-martu sabiex imorru jghixu gewwa d-dar li illum jinsab residenti fiha, ma kienx lest illi jirripristinaha. Dan ghaliex wara l-incident li kellu mas-sid tad-dar matrimonjali, huwa ma riedx li jghaddi mill-istess cirkostanzi.

**c. Glied:** Fil-fehma tal-konvenut kienet l-attrici li kienet taqla' l-inkwiet u huwa kien il-vittma taghha, "*Sadattant taf inti tqum kwistjoni ghax dik li kienet taghmel mhux jien kont inqajjem il-kwistjoni jien il-kwistonijiet kont nibza' minnhom, jien dejjem tlifthom ghax hi u t-tfal dejjem kontra tieghi, allura jiena l-inqas, l-inqas, l-inqas ma kontx naqla' kwistjonijiet."* (a fol. 51).

Illi kuntrarjament ghal dak li sostnew l-attrici u x-xhieda l-ohra, il-konvenut xehed a fol. 184 illi l-flus ma kenux ir-raguni ghalfejn kien ikun hemm l-inkwiet: "*Mhux veru li l-inkwiet kien jinqala' fuq in-nuqqas ta' flus. Flus kien ikollna bizzejjed. Ghal nofs ix-xahar marti kienet tghid li spiccawlha l-flus u tibda thedded b'mod arroganti li mhux ser issajjar u ecc. Dan hi kienet taghmlu biex tohloq ferment u timpressjona lill-uliedna."*

**d. Dar t'Abitazzjoni:** Il-Konvenut sostna (a fol. 41) illi l-attrici kienet dejjem taghmel pressjoni fuqu sabiex jitlaq mid-dar. Huwa kkonferma illi huwa hareg mid-dar matrimonjali qabel id-digriet tas-Sekond'Awla li awtorizza lill-attrici tirrisjedi esklussivament fl-istess dar.

Illi in fatti fix-xiehda tieghu huwa kkontradixxa l-allegazzjonijiet ta' l-attrici u ta spjegazzjoni ghall-incidenti kollha msemmijin minnha. Huwa ggustifika it-tluq tieghu mid-dar abbazi tal-fatt li huwa ma felahx aktar jghix hemm u li huwa telaq ghaliex ma felahx aktar ghall-pressjoni ta' martu: "*Le jien ma tlaqtx, jiena cedejt ghall-pressjoni taghha u minghalija ghal ftit sakemm il-Qorti hawnhekk u hekk hu li nsib il-gustizzja … Le tant ghamlet pressjoni l-*

*mara li jien gejt isni gurdien id-dar, it-tfal ma jkellmunix"* (a fol. 58)

Illi l-konvenut sostna wkoll illi kienet l-attrici illi ma ridetx tasal ghal rikonciljazzjoni u illi l-attrici dawwret lil kulhadd kontrih (a fol. 58). Hu wera certa hegga illi jerga` jghaqqad lill-familja (a fol. 230).

Illi l-Qorti nnotat li f'affidavit prezentat mill-konvenut fit-12 ta' April 2000 (a fol. 229 – 237) huwa ghamel referenza ghal diversi fatti sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet ta' l-attrici. Jigi notat illi l-Qorti taraha stramba li l-konvenut iccita dawn il-fatti daqstant tardivament matul dawna l-proceduri. Hekk, per ezempju, rigward l-incident meta mar igib l-ghodda mid-dar matrimonjali, l-konvenut xehed fl-affidavit a fol. 231, illi f'din l-okkazzjoni huwa safa aggredit minn martu u minn bintu. Di piu` a fol. 232 huwa sostna illi huwa qatt ma kien ried jiehu lill-mara gewwa d-dar li jirrisjedi fiha llum u li kien ghamel hsieb biex jaghmel dan minhabba l-girien ta' fuq, mentri fix-xhieda precedenti tieghu sostna illi huwa kellu xi dizgwid ma' sid id-dar matrimonjali.

Illi l-konvenut xehed a fol. 236 li "*madwar tletin sena ilu, l-attrici f'daqqa wahda, u minghajr ma tat raguni, insistiet illi ma nibqghux but wiehed u li s-salarju kellu jinqasam f'parti ghaliha u l-bqija ghalija, u kulhadd ifaddal ghal rasu. Hekk sar kif riedet hija."*

Illi *'noltre* il-konvenut xehed diversi drabi illi l-attrici ma kenetx qed tirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali izda kienet qed tghix mat-tfal taghha u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tibqa' tirrisjedi unikament gewwa d-dar matrimonjali.

Illi **Miriam Farrugia** li hija t-tifla l-kbira tal-kontendenti xehdet illi l-atmosfera gewwa d-dar kienet tkun *"Insopportabbli…Kien lkollna hafna inkwiet, glied per ezempju glied fuq flus, fuq hafna affarijiet"* ( a fol. 65).

**a. Glied:** Il-bicca l-kbira ta' l-inkwiet kien jikkoncerna l-flus: "*fuq il-flus l-iktar li niftakar*" (a fol. 66). In kontroezami (fol. 77) xehdet illi meta kien jasal iz-zmien li jghaddi l-flus

lill-attrici huwa kien jaqla' l-inkwiet "*Mhux le, imbaghad kien jaqla' wahda minn dawk il-kbar nett. Jien qed nghidlek li kien jaqla' l-inkwiet.*" Dan gie kkonfermat meta reghhet xehdet quddiem l-Assitent Gudizzjarju (a fol. 205) fejn sostniet illi: "*Veru li ghall-habta tal-ghoxrin tax-xahar bejn il-mummy u missieri kien jinqala' inkwiet fuq il-flus …Meta jiena kont zghira il-genituri tieghi kienu diga` ikollhom problemi fuq il-paga.*"

Illi madanakollu hija ma xehdetx illi l-flus kien jintefqu mill-konvenut. In fatti, a fol. 66 "*Le, jien ma hinix qieghdha nghid illi l-paga kien jonfoqa imma jien kont qed nghidlek l-inkwiet ghax inti staqsejtni l-inkwiet fuq x'hiex kien".*

Illi jidher li kien jinqala' spiss it-tilwim meta jasal iz-zmien tal-paga u konsegwentement l-ghotja tal-flus mill-konvenut lill-attrici. "*Le imma dan kienet spiss hafna jigifieri mhux qed nghidlek xi darba ma tasallux [il-paga],…*" (a fol. 67). F'dan il-kuntest Miriam Farrugi xehdet illi dahlet certu pika bejn il-genituri taghha (a fol. 67).

Illi f'ghajnejn ix-xhud ir-relazzjoni bejn il-genituri taghha kienet wahda vera hazina "*Veru hazina kienet, dejjem jiggieldu. L-ahhar sena d-dar lanqas kienu jitkellmu …u per ezempju l-glied kien ikun aktar vjolenti…*" (a fol. 67 – 68).

Illi a fol. 79 in kontroezami xehdet illi l-missier kien ihobb jaqla` l-inkwiet "*Ghax hekk kellu hobby. Jaghmel ix-xenati. Jghajjat, jidghi hekk jaghmel".*

Illi t-tifla tal-kontendenti ikkorroborat dak li qalet precedentement l-attrici, meta a fol. 79, xehedet illi: " *… hu veru kien jibqa' sejjer biha u meta per ezempju jibdew fuq il-flus u nibqaw fuq il-flus, imbaghad jibda missierek u ommok …*"

Illi bhal ma xehdet l-attrici, Miriam Farrugia xehdet illi:-

"*Qed nghidilek darba fix-xahar ghax qbadniha fuq il-flus, ahna konna kull darba li tieqaf il-karrozza wara l-bieb taf x'nghidu, Alla maghna isma' t-talb taghna ha nara b'hiex gej.*"

**b.** **Vjolenza:** A fol. 68 ikkonfermat l-incident li ghamlet referenza ghalih l-omm u li gie innegat mill-missier "*Darba naf li nqalghet glieda u konna fil-kcina kien hemm jiena, ommi u kien hemm iz-zija minghalija ukoll u f'salt wiehed kien hemm il-pressure cooker u kien hemm il-cooker u qalibhom kollha ma' l-art. Darba niftakar li kien hemm glieda ohra, niftakar li kien hemm ash-tray … gholliha u jiena rajta ghaddejja minn fejn ras ommi…*"

Illi a fol. 74 Miriam Farrugia xehdet in kontroezami illi meta kien imur missierha ghandha qatt ma kellha nkwiet mieghu, hlief li kien joqghod jaghmel referenza ghall-passat u jghidilha kontra ommha u l-familjari taghha. Izda dan qatt ma kellu inkwiet maghhom. "*Le ahna l-inkwiet li kellna fuq is-sitwazzjoni tad-dar it-tensjoni*." Izda a bazi ta' dan iddecidiet illi hija m'ghandiex izjed tibqa' tkellmu sabiex tinsa l-passat taghha.

**c.** **Xehha:** Rigward flus ghall-ikel hija xehdet illi huwa kien jipprovdi ghall-familja. A fol. 81: "*Iva kien jipprodi ikel …Kien jaghtiha l-paga lill-ommi…iva fniek u hekk gieli, regolarment ma nistax nghid li le.*"

A fol. 206 xehdet illi "*Ahna konna dejjem neqsin mill-flus u mill-affarijiet.*"

Illi rigward il-kwistjoni ta' l-ghodda Miriam Farrugia xehdet li hija kienet prezenti meta huwa gie l-ewwel darba ghall-ghodda. Jidher illi l-ghodda kienet fl-entrata izda huwa xorta wahda dahal gewwa u meta qalulu sabiex johrog ghax kien qed jagixxi kontra dak li ordnatlu l-Qorti huwa qallhom illi riedu igibulu l-Pulizija biex johrog (a fol. 83).

Illi skond ix-xhud huwa ferm ahjar illi l-kontendenti jibqghu jghixu separatament: "*Il-mummy ghallinqas qeghda kwieta. Ghallinqas qeghdin kwieti hekk hux. Ghax dawn biex thallihom flimkien ma tistax tghid x'jigri ghax qed nghidlek kienet isek qed tghix fi gwerra. Hekk konna nhossa jiena.*" (a fol. 70)

Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet giet deskritta bhala "*jien fl-opinjoni tieghi qed nghid bil-gurament kif inhossha jien, kif naraha jien, bhal meta tnejn ikunu jinhabbu u imbaghad isiru jobghodu lil xulxin.*" (a fol. 81).

Illi **Simone Cini,** t-tifla tal-kontendenti xehdet illi sakemm kienet ghadha tirrisjedi gewwa dar tal-kontendenti is-sitwazzjoni kienet: "*Hazina …Inkwiet, glied, nuqqas ta' imhabba nghidilha jien, ma kienx hemm serenita`.*" (a fol. 85).

**a. Glied:** Rigward minn kien jinstiga l-glied bejn il-kontendenti, hija xehdet "*Is-soltu dejjem missieri*" (a fol. 85).

**b. Vjolenza:** Simone Cini ikkonfermat l-incident riferit minn ommha a fol. 87: "…*tefaghli injama u tajjarli kollox bil-calculator spicca miftuh ktieb u lili ma laqatniex u tefaghli siggu u kien laqatni hawn f'gembi"* (a fol. 87).

Illi rigward vjolenza fizika fil-konfront ta' l-omm Simone Cini ma xehdet xejn fuq dan.

**c. Xehha:** a fol. 96 "*jiena flus ghal GCE's missieri ma taghnix jien, il-GCE's hallashomli n-nannu …".* Dan gie rikonfermat a fol. 207.

Illi xehdet a fol. 89 u 90 illi l-hajja kienet tkun aktar trankwilla meta huwa ma kienx ikun id-dar.

Illi madanakollu meta in kontroezami giet mistoqsija jekk l-inkwiet id-dar kienx jinqala' minhabba l-flus biss (a fol. 94) hija rrispondiet illi mhux minhabba flus biss, ghalkemm naqset milli taghti ragunijiet ohra, u evitat id-domanda.

Illi x-xhud sostniet illi missierha minn dejjem xtaq illi jmorru joqghodu f'dan il-post, kif infatti qalu kemm l-attrici u l-ahwa kollha. *Inoltre* rigward l-atmosfera gewwa d-dar matrimonjali wara li telaq il-missier, hija qalet illi ommha tinsab hafna ahjar.

Illi jidher ukoll illi ir-relazzjoni bejn il-konvenut u x-xhud ma kenetx wahda tajba sa miz-zmien li kienet qaghda tirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali.

Illi l-Qorti tinnota illi x-xhieda ta' Simone Cini ma tantx xehtet dawl fuq l-ilmenti ta' bejn il-partijiet.

Il-Qorti semghet ukoll ix-xhieda ta' **Audrey Schembri,** li hija l-izghar fost l-ahwa u li meta xehedet kienet ilha biss tlett snin nieqsa mid-dar u ghalhekk ghandha l-aktar memorja friska minn hutha fuq il-fatti tal-kaz:

Illi meta giet mistoqsija dwar l-atmosfera gewwa d-dar anke hija qablet illi l-atmosfera kienet wahda hazina. Difatti a fol. 101 xehdet "*Atmosfera ghalija hazina hafna jigifieri. Dejjem bl-inkwiet."*

**b. Sevizzi/Xehha**: A fol. 102 spjegat illi: *"… missier ommi [In-nannu] dejjem ghena lilna ghax kieku hafna affarijiet ma ghandniex id-dar, ghax meta konna zghar kwazi ma kellna xejn anqas, biex ninhaslu irridu naghmlu kitla jigifieri, xtrajna television u hekk kont gja kbira jien bis-sahha tan-nannu mhux jigfieri ma kellna xejn id-dar, imma vera tal-bzonn ezatt."*

A fol. 102: "*ma jkunx irid itiha ghax jghidilha qed tonfoq hafna jew hekk jew m'ghandix"*

A fol. 107: "*…ghax dejjem bil-kwistjoni dwar il-flus, li jekk ghandi aptit frotta … irrid nixtriha u nhalliha fil-kamra tieghi, ma nistghax inqeda fil-fridge ghax missieri jghid ommi ghandha l-flus u ma jtihiex flus meta titolbu."*

A fol. 108-109: In risposta ghad-domanda jekk l-attrici kienitx tonfoq bl-addocc, hija rrispondiet: "*Il-mummy, jien qatt ma naf li xtrat, forsi biex taghmel libsa iridu jghaddu s-snin…la naf li qatt xtrat xi haga tad-deheb…Iva hi kienet tonfoq ghall-hajja…Ahna anke ghamilna zmien ghadni niftakar jien lanqas taf x'taqbad ittina nieklu. Niftakar darba minnhom tigiega tqassmet fi tlett ijiem."*

**b. Glied:** In konformita` max-xhieda l-ohra, ix-xhud insistiet li kien il-missier li principalment kien jaqla' l-inkwiet. "*Hafna mid-drabi missieri kien jibda per ezempju …"* (a fol. 102) "…*fl-opinjoni tieghi l-inkwiet hu kien jaqalghu missieri. Hafna minnu, hafna, l-maggoranza tieghu …"* (a fol. 114).

Illi r-raguni ta' l-inkwiet kienet "*Hafna drabi fuq il-flus ghax ikunu spiccawla l-flus konna tliet d-dar ahna … Tghidlu li spiccawlha jew jekk hekk u nibdew ma jkunx irid itiha ghax jghidilha qed tonfoq hafna jew hekk jew m'ghandix."*

Illi a fol. 105 "*Missieri kien jidghi u hafna tghajjir u jidhlu l-familji u hekk u ma jkollhom x'jaqsmu xejn dan ma' l-argument".*

Illi a fol. 107 - 108 "*Jghixu taht l-istess saqaf izda mhux ta' ragel u ta' mara …jiena lil ommi niftakarha, milli niftakar jien, nafha torqod fil-kamra ghax dejjem bil-glied…Le ftit li nafhom jien li jorqdu flimkien ifhimni"*

**c. Vjolenza:** a fol. 112 "… *xi incidenti ta' vjolenza qatt rajt? Risposta – Jiena quddiem ghajnejja ma rajtx … ma nistax nghid li qatt rajt, vjolenza morali rajt hafna ghax anke jien soffrejt minnha."* Madanakollu xehdet illi "*Gieli rajt per ezempju tizbit ta' affarijiet ma' l-art u tefaghlna radios mal-art."*

Illi gie kkonfermat ukoll illi ix-xhud qatt ma kienet soggetta ghal atti vjolenti fizici minn naha ta' missierha (a fol. 116).

Illi x-xhud spjegat li darba l-konvenut kien kisser hgiega b'rabja (a fol. 119): "*Mela darba minnhom sal-hgiega tal-bieb ghadha mkissra ghax baqa' jimbotta jimbotta jrid jidhol 'l gewwa bilfors."*

Illi l-incident ta' meta kellhom jisssejhu l-Pulizija sabiex il-konvenut johrog mid-dar matrimonjali gie wkoll ikkonfermat *"Ehe, darba minnhom dahal u ma riedx johrog. Kellna ngibu l-Pulizija, gew il-Pulizija u xorta qalilhom tridu tkaxkruni biex nohrog …Iva. Imma dahal bil-forza, mhux suppost kellu jidhol gewwa."* (a fol. 120).

**d. Sitwazzjoni illum:** (a fol. 114) *"Jiena lill-ommi naraha mistrieha minnha, anke xi naqra, jien naraha hafna, hafna ahjar",* mentri fil-passat " *… meta nisimghu il-karrozza gieli konna niehdu qata' nghidu min jaf x'ha jigri u l-mood li ha jigi biha"* (a fol. 115).

Illi xehdet illi qatt ma cemplilha l-konvenut filghodu a differenza ta' dak li xeghdet l-attrici (a fol. 115). Dan xehditu ohtha l-ohra wkoll.

Illi xehdet a fol. 118, illi meta kien imur biex jaghtiha il-paga dan dejjem kien ikun irid jitkellem m'ohtha biex joqghod jghidlha dwar ommha.

Il-Qorti semghet ukoll ix-xhieda ta' terzi persuni ohra.

Illi **Maria Grace Mallia** li kienet il-gara tal-kontendenti ghal diversi snin xehdet (a fol. 273 – 276 tal-process) illi hija kienet tikkunsidra l-familja tal-kontendenti bhala wahda sewwa u li fiz-zmien li kienet gara taghhom qatt ma semghethom jiggieldu.

Illi **Karmenu Bugeja** xehed (a fol. 277 – 278 tal-process) illi qatt ma kien ikun hemm inkwiet u li ma jaf b'ebda okkazzjoni fejn il-konvenut kien abbanduna d-dar.

Illi **Pawlina Bugeja** xehdet (a fol. 279 – 280 tal-process) illi l-kontendenti huma familja sewwa u li ma tafx b'inkwiet bejniethom.

Illi t-**Tabib Dr. Joseph Azzopardi** xehed (a fol. 281 – 286) u qal illi skanta meta sema` illi l-kontendenti kienu ser jisseparaw. *Inoltre* huwa qal illi lill-konvenut ma jafux bhala persuna aggressiva u anzi kien jafu bhala persuna gentili mieghu.
Illi **Maria Assunta Azzopardi** xehdet l-istess, fis-sens illi tikkunsidra l-familja tal-kontendenti bhala wahda sewwa.

Illi **Ronnie Demicoli** xehed illi gieghli sema' ghajjat izda ma harigx car jekk hux bejn il-kontendenti jew bejn il-konvenut u bintu**.**

Illi **Mitz Demicoli** xehdet illi hija kienet habiba ta’ l-attrici u din kienet tghidilha bil-problemi u l-inkwiet mal-konvenut. A fol. 293 “*Yes she did a few times* [u dan meta kienet mistoqsija jekk kienetx tgerger dwar problemi finanzjarji] *She used to say that sometimes he used to leave her without money……She said that he used to leave her short of money. She found it hard to buy food.”*

Illi **John Mallia,** li huwa r-ragel ta’ oht l-attrici u *secondo* kugin tal-konvenut, xehed (a fol. 295) illi huwa kien jaghti xi flus lill-attrici wara li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, ghalkemm qabel din id-data qatt ma kien ta flus lill-attrici. Ir-raguni moghtija ghalfejn kien jaghmel dan kien “*Niftakar illi l-mara kienet qaltli li lil Mary Grace ma kienx qed jaghtiha manteniment u gieli tajniha xi haga tal-flus zghira.”*

Illi ‘*noltre* huwa xehed ukoll illi huwa ma kienx jaf b’xi glied bejn il-konvenut u missier l-attrici, filwaqt li l-attrici ghall-kuntrarju xehdet illi r-relazzjonijiet bejn il-konvenut u l-familja taghha kienu hziena.

Illi rigward glied John Mallia xehed a fol. 297 “*Quddiemi qatt ma osservajt glied.”* u meta mistoqsi jekk kellux amment ta’ xi glied jew xi vjolenza bejniethom huwa rrisponda “*Qatt ma smajt”.*

Illi jidher ukoll illi l-attrici ma kenetx tiftah qalbha ma’ dan ix-xhud u l-familja tieghu. In fatti l-ewwel darba li saru jafu li r-ragel ma kienx ihallasha l-manteniment kien wara li huwa telaq mid-dar. Kien dakinhar illi saru jafu bil-problemi ta’ bejniethom u kien anke ssuggerixxa li l-kontendenti jmorru Ta’ Kana (a fol. 299).

Illi ‘n kontroezami (a fol. 342) John Mallia ghamel referenza ghall-kaz fejn l-attrici u t-tfal taghha kien iggieldu mieghu meta kien mar jitlobhom xi *spare parts* tal-konvenut li kellu bzonnhom hu stess.

Illi **Joseph Spiteri,** hu l-attrici, xehed (a fol. 300) tal-process illi “*Konna niltaqghu hafna. Fis-sens li Alfred*

*Mallia kien habib hafna tieghi. Konna qisna ahwa. U minn barra hekk il-familja kollha, kwazi huti kollha, kull nhar ta' Hadd konnha nohorgu flimkien."* Sussegwentement xehed illi r-relazzjoniiet ta' bejniethom ma baqghux l-istess "*Imbaghad qisu nholqu cirkostanzi … Alfred Mallia gie d-dar u lill-mara tieghi beda' jghajjarha fuq certi affarijiet … Pero' imbaghad insomma sirt naf li r-relazzjonijiet bejn ohti u bejnu ma tantx kienu tajba…"* (a fol. 307).

Illi rigward vjolenza Joseph Spiteri ikkonferma l-incident tal-pultruna "*…u naf li f'daqqa wahda dan Freddie qabad il-pultruna, sabbatha ma' l-art u kien ha jahbat ghal ohti, mar biex jaghtiha."* (a fol. 308). Ix-xhud xehed ukoll illi l-attrici qatt ma kienet tghidlu bil-problemi li kienet ghaddejja minnhom fil-hajja matrimonjali taghha (a fol. 309).

Illi **Karmena Mallia,** oht l-attrici, xehdet illi "*Issa dawn ilhom mizzewgin hafna. Ghall-bidu allright. Imma mbaghad dan l-ahhar kellhom daqsxejn tat-trouble. Jigifieri ilu ftit. Kien ghad kellha t-tfal qishom qed jilhqu. Ghax kienet tghid li ma jaghtihiex sewwa flus igifieri biex tghaddi bil-hajja bihom."* (a fol. 314). Meta l-Qorti staqsietha x'kienet ir-raguni ghaliex beda l-inkwiet, hija rrispondiet (a fol. 315) "*Kwistjoni tal-flus. U forsi kienet toqghod tistennih biex jigi jiekol …".*

Illi dwar ix-xiehda tal-konvenut, din qalet (a fol. 316) "u *darba qaltli ghax qed nircievi c-childrens allowance qed innaqqasili mill-paga. Qaltli dejjem inaqqas. Meta hargu t-tfal jahdmu jerga' jnaqqas qaltli. …gieli kienet tghidli lanqas ikolli biex nixtri forsi jkolli xi tieg jew hekk …"* Dan rega' gie kkonfermat a fol. 335 - 336 "*Jiena li rrid nghid hu rigward li ma kienx jaghtiha finanzi… … Hi kienet tghid li kien ihallihom neqsin".*

Illi x-xhud xehdet li ohtha gieli kellmitha dwar xi atti vjolenti tar-ragel. A fol. 316 xehdet illi ohtha qaltilha illi gieli kien jidhol id-dar irrabjat u jibda jsabbat. Ghamlet referenza wkoll ghal incident fejn l-attrici kienet qaltilha b'incident fejn ir-ragel waddab imqass lejn l-attrici. *Inoltre* Karmena Mallia ikkonfermat l-incident tal-*cooker* u l-gass izda hija

xehdet illi kienet tinsab f'kamra ohra meta gara dan l-incident (a fol. 317). L-incident gie rikonfermat a fol. 335.

Illi **Louis Farrugia,** ir-ragel tat-tifla (Miriam) tal-kontendenti xehed illi l-kontendenti kienu jargumentaw hafna bejniethom (a fol. 323). Rigward ir-raguni ta' l-argumenti huwa xehed "*Naf li fuq pagi argumentaw zgur.*" (a fol. 324) kif ukoll "*ghal li ma bediex jaghtiha flus u riedet tiftahlu kawza*" (a fol. 326).

Illi huwa ddeskriva l-attitudni tal-konvenut bhala wahda "*Meta titlaghlu t-tempra titlaghlu.*" (a fol. 20). Madanakollu huwa kompla jzid "*Mhux kulhadd meta titlaghlu titlaghlu*" (a fol. 330) kif ukoll xehed illi hu qatt ma kien prezenti ghal xi atti ta' vjolenza.

Illi l-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta' **Saviour Vella** (a fol. 239), rapprezentant tal-HSBC Bank Malta Ltd, li xehed dwar iz-zewg kontijiet depozitati f'isem il-konvenut u dawk bl-*account name* tan-neputijiet tal-kontendenti, kif ukoll rat ix-xhieda ta' **Paul Gambin** (a fol. 242), rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c., li xehed dwar il-kontijiet bankarji depozitati f'isem Alfred Mallia izda bl-*account name* wiehed Daniel u l-iehor Torey, it-tnejn neputijiet tal-kontendenti.

## ii) PRINCIPJI LEGALI.

### (a) RAGUNI GHAT-TALBA TA' SEPARAZZJONI.

Illi bhala ragunijiet ghall-objettiv taghha li titlob il-firda personali l-attrici tadduci fil-konfront tal-konvenut zewgha il-mohqrija, sevizzi, eccessi, theddid, offizi gravi u inkompatibilita' ta' karattru. Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fl-

valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli.

Illi hu pacifiku "*perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*" – **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"** - Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925.

Illi abbazi tax-xhieda voluminuza kumpilata f'dawn il-proceduri, tirritjeni illi mix-xhieda temergi sitwazzjoni cara ta' inkompatibilita` kompleta bejn dawn iz-zewg konjugi, u wkoll li l-konvenut kien hati verso l-attrici ta' mohqrija, sevizzi, eccessi, theddid u offizi gravi

Illi mix-xhieda tal-kontendenti, tat-tfal taghhom, kif ukoll ta' terzi persuni familjari ghall-kontendenti, jirrizulta illi r-raguni ewlenija ta' l-inkwiet bejn il-kontendenti kienu l-flus. Jidher li r-ragel xejn ma kien ragonevoli meta kien jigi sabiex jaghti flus lil martu. Meta f'xi okkazzjonijiet il-flus moghtija lill-mara kienu jispiccaw kien jinqala' tilwim kbir meta l-mara kienet titolbu ghal aktar flus. Il-Qorti tirrileva li ma rrizultax li l-mara kienet xi wahda halja, anzi skond uliedha kienet ferm attenta ghal dak li jirrigwarda nfieq ta' flus.

Illi l-Qorti tinnota li ix-xehha tal-konvenut kienet ingustifikata u ghenet mhux ftit sabiex iz-zwieg tal-kontendenti jitkisser f'mod irrimedjabbli. Jidher illi fid-dar matrimonjali kien hemm nuqqas ta' necessitajiet ta' kuljum bhal *television, washing machine,* ecc u kien hemm sahansitra zminijiet fejn il-mara ma kienx ikollha flus biex titma lit-tfal. Dan gie ppruvat kemm mix-xhieda tat-tfal stess kif ukoll minn persuni vicini ta' l-attrici.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Marthese Vella pro. et. noe vs George Vella"** (PA Cit. Nru. 2466/1996 PS) deciza fit-28 ta' Frar 2003 intqal li l-Qorti, "*sabiex tasal biex taghti*

*affidament lix-xhieda ta' l-attrici u dawk tal-familjari taghha illi l-konvenut kien xhih u jonfoq biss ghalih ghax skond zijietu hu qed jahdem ghalihom u jaqla' l-flus. Ix-xehha pero` ma tistax f'dan il-kaz tigi kwalifikata taht l-ebda wiehed mill-kapi addebitati mill-attrici, in kwantu din pjuttost tirrientra fost il-motiv ta' l-eccessi jew tas-sevizji, u dawn il-motivi ma gewx avvanzati minnha. "L'avarizia, quando e` portata agli eccessi, puo` essere cagione di continue ed incessanti molestia e sevizie ..." (**Vol. IX p 418; Vol. XXVIII P II p 441; Vol. XLVIII P I p 353**.”*.

Illi gie kostantament ritenut li sevizzi “*joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b’mod li jiggeneraw dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom*” (**Vol. XXXI Pt1 p200; Vol.XXVI P1 p 246).** Mill-provi rrizulta li l-attrici giet kostantement esposta ghal tali sevizzi.

Illi l-incidenti ta’ vjolenza li ghalihom saret referenza fix-xhieda ta’ l-attrici gew ikkonfermati minn diversi xhieda ohra, u ghalhekk l-attrici ghandha tigi emnuta wkoll f’dan ir-rigward. Ma ninsewx li ulied il-kontendenti, li huma lkoll adulti, kkonkordaw fil-konferma tal-fatti negattivi attribwiti mill-attrici lill-konvenut zewgha, u dan kellu piz sostanzjali fid-determinazzjoni finali ta’ l-vertenza minn din il-Qorti.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-attrici kienet gustifikata fl-ilment taghha li hija kienet soggetta ghal diversi sevizzi u atti ta’ mohqrija minn naha ta’ zewgha. Ix-xehha ingustifikata tal-konvenut zgur li hija wahda minnhom.

Illi l-Qorti tapprezza li huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967). Hekk, per ezempju, *"biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jisthux jkomplu jghixu flimkien"*

(**"Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud"**, Appell Civili, 21 ta' Frar 1969).

Illi din il-Qorti hija altru milli sodisfatta li fil-kaz in ezami zgur li ma jistax jinghad li l-attrici qeghdha tibbaza l-azzjoni taghha fuq xi incident minuri, u dan gie elaborat mis-siltiet tax-xhieda li gew riprodotti aktar kmieni f'din is-sentenza.

Illi abbbazi tal-fatti kif riportati fix-xhieda migjuba quddiemha, hija tal-fehma illi l-konvenut huwa principalment responsabbli ghall-impossibilita` ta' l-ghixien flimkien tal-kontendenti.

*Inoltre*, zgur li hadd ma jista' jichad illi l-kontendenti ghandhom karattri li huma manifestament inkompatibbli, u din hija raguni ohra li timmotiva lil din l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti. Dwar il-kawzali ta' inkompatibilita' ta' karattru, intqal illi:-

*"l'incompatibilita` di carattere non costituisce motivo per cui la legge accorda il diritto alla separazione personale, pure la stessa non puo` non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravita` delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione*" (**"Marianna Attard vs Achille Attard"**, Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Novembru 1932).

Illi dwar il-qsim ta' l-assi komunitarji il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddividhom bejn il-kontendenti fil-parti dispozittiva ta' din id-decizjoni. Madankollu, il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka fis-segwenti mod dwar ir-residenza li ser ikollhom il-partijiet wara din is-saparazzjoni. Il-Qorti hija altru milli konvinta, illi jkun ezercizju impossibli illi l-konvenut jirritorna jabita fid-dar konjugali fejn prezentement tirrisjedi martu, u dan ghaliex il-konsegwenzi jkunu prevedibbiment negattivi ghall-ahhar. Mix-xhieda moghtija mill-attrici u mit-tlett itfal tal-kontendenti huwa evidenti illi jkun fl-interess ta' kullhadd illi dawn jibqghu jghixu separatament.

Illi apparti minn dan il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi mix-xhieda ta' l-attrici u t'uliedhom, in kuntrast ma' dik tal-konvenut, jirrizulta illi l-konvenut minn dejjem wera x-xewqa li jirrisjedi gewwa residenza prezenti tieghu. *Inoltre* il-konvenut kemm il-darba sostna illi "*iffitxuh is-sinjuri kien hemm minn taghni erbghin elf lira ghall-goodwill biex nghatihulu ghax dan post maqtugh ghalih post ta' karattru u post ideali…*".

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti **taqta` u tiddeciedi** billi, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara u tippronuncja s-separazzjoni personali ghar-ragunijiet premessi u dan peress li l-konvenut irrenda ruhhu hati verso l-attrici ta' sevizzi, mohqrija, eccessi u ingurji gravi *oltre*, li jirrendu lill-konvenut responsabbli ghall-firda bejn il-partijiet.

2. **Tilqa' t-tieni talba** u takkorda lill-attrici in linea ta' manteniment is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar u dan ibbazat fuq l-introjtu attwali tal-konvenut konsistenti f'pensjoni mit-tezor ta' mija u wiehed Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm101.26) fix-xahar kif ukoll mija u ghaxar Liri Maltin (Lm110) fix-xahar beneficcju mis-servizzi socjali, b'dan li tali manteniment jitnaqqas direttament mill-pensjoni tal-konvenut mit-Tezor u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna n-notifika ta' din is-sentenza lill-Awtorijiet koncernati sabiex jaderixxu ruhhom ma' l-istess ordni, tali notifika a spejjez attrici.

3. **Tilqa' t-tielet talba** l-attrici u tapplika kontra l-konvenut d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

4. **Tilqa' r-raba' talba** u fl-ewwel lok tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti bil-mod segwenti:-

(a) Tassenja d-dritt ta’ kera tal-fond “May”, Triq il-Parilja, Santa Venera lil-attrici b’dan li l-kera ta’ l-istess fond ghandha mill-lum l-quddiem tghajjat esklussivament lill-attrici u ghal dan l-iskop tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lis-sid il-kera a spejjez attrici u tordna wkoll li l-attrici ghandha d-dritt esklussiv li tibqa’ tirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali li hija “May”, Triq il-Parilja, Santa Venera, b’eskluzjoni tal-konvenut u konsegwentement tassenjalha wkoll l-ghamara u l-oggetti mobbli kollha li jinsabu fl-istess fond;

(b) Illi l-Qorti tassenja lill-konvenut il-kirja tal-fond ”The Farmer’s Keln”, Notabile Road, Imriehel, b’dan li l-istess kera ghandha tkun f’isem il-konvenut biss u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifikata a spejjez tal-konvenut lil sid il-kera; l-konvenut ikollu d-dritt esklussiv li jibqa’ jirrisjedi gewwa l-fond imsemmi ”The Farmer’s Keln”, Notabile Road, Imriehel, u ghalhekk konformament ma’ l-istess qed jigu assenjati wkoll lill-konvenut l-ghamara u l-oggetti mobbli kollha li jinsabu fl-istess fond;

(c) Il-vettura Jeep li tinsab fil-pussess tal-konvenut ghandha tigi moghotija lir-ragel u l-provvedimenti opportuni ghandhom jittiehdu sabiex id-dipartiment relattiv jiehu konjizzjoni ta’ din l-assenjazzjoni. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni a bazi tad-dikjarazzjoni maghmula mill-attrici Nota ta’ Sottomissjonijiet minnha prezentata fil-25 ta’ Gunju 2002.

(d) Illi rigward is-self allegat mill-attrici fl-ammont ta’ tlett mitt Lira Maltin (Lm300) liema allegazzjoni giet kontestata mill-konvenut, il-Qorti tinnota illi l-attrici naqqset milli tressaq prova cara relattiva ghas-self u ghalhekk tali sosttomissjoni qed tigi michuda.

(e) Illi din il-Qorti tordna li d-depoziti li hemm l-HSBC Bank Malta plc, senjatament il-*fixed deposit* numru 237094743 (a fol. 222) u *ordinary savings account* numru 234004603 (a fol. 222) f’isem il-konvenut ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet f’ishma ugwali, b’dan illi l-ispejjez tal-kontromandat ghas-sekwestru li jgib in-numru 1268/96

impost fuq l-imsemmija kontijiet ghandu jithallas ugwalment bejn il-kontendenti.

(f) Illi kwantu ghad-depoziti bankarji (1) mal-HSBC Bank Malta Ltd kont numru 237139615 f'isem Steve Cini (a fol. 222) fl-ammont ta' mitt Lira Maltin (Lm100), (2) id-depozitu mal-HSBC Bank Malta Ltd kont numru 237139623 f'isem Carlos Schembri (a fol. 222) fl-ammont ta' mitt Lira Maltin (Lm100), (3) id-depozitu mal-Bank of Valletta p.l.c. kont numru 13402774044 f'isem Daniel fl-ammont ta' mija u hamsa u tletin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm135.94), u (4) d-depozitu mal-Bank of Valletta p.l.c. kont numru 13402774057 f'isem Torey fl-ammont ta' mija u hamsa u tletin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm135.94), ilkoll neputijiet tal-kontendenti, ghandhom jigu depozitati b'tali mod illi jistghu jigu unikament zbankati mill-istess neputijiet meta jilhqu l-eta` maggiorenni. Il-Banek ghandhom jigu notifikati mill-kontendenti b'kopja ta' din is-sentenza sabiex jiehdu konjizzjoni tad-direzzjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward.

Illi l-ispejjez tal-proceduri quddiem din il-Qorti u quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------